DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU, RIĊERKA
INNOVAZZJONI U TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DEPARTMENT FOR CURRICULUM, RESEARCH
INNOVATION AND LIFELONG LEARNING
FLORIANA VLT 2000
MALTA

# Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar

**Tel:** 2598 2425 / 2598 2426 / 2598 2427 **Indirizz Elettroniku:** gaetano.bugeja@ilearn.edu.mt

**ĊIRKULARI**

**Informazzjoni:** X **Data:** 26 ta' Settembru 2017

**Azzjoni:** X **Ref:** DLAP 073/2017

**Lill- :** Kapijiet tal-Iskejjel Primarji, Medji u Sekondarji tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti u Sezzjonijiet

**Mingħand:** Coleiro Doreen, Grima Carlston, Mifsud George u Muscat David – Uffiċjali Edukattivi tal-Malti

**Suġġett:** Jum Dun Karm – Il-Ħamis, 19 ta' Ottubru 2017

---

**1. Tifkira ta' Jum Dun Karm**

**Il-Ħamis, 19 ta' Ottubru 2017**, id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar, u l-Kumitat għall-Festi Nazzjonali se jorganizzaw ċerimonja kommemorattiva biex ifakkru l-poeta nazzjonali. L-istudenti u l-għalliema għandhom ikunu bilqiegħda sal-**10.00** fis-sala tal-iskola Primarja ta' Ħaż-Żebbuġ li tinsab fi Triq Sciortino. Dakinhar, l-istess sala se tiġi inawgurata u tingħata l-isem ta' Sala Dun Karm Psaila. Hawnhekk se jittella' programm li jinkludi diskorsi, u attivitajiet interattivi fosthom kwiżż marbut ma' filmat bijografiku, intervista mill-istudenti ma' awtur intiż fuq ix-xogħlijiet ta' Dun Karm, u kant animat minn kor tat-tfal tal-iskola Primarja ta' Ħaż-Żebbuġ. Wara, l-iskejjel huma mistiedna, li jqiegħdu bukketti ta' fjuri fil-kappella fejn jinsab midfun il-poeta nazzjonali. L-attività għandha tieħu madwar sagħtejn. Il-kapijiet tal-iskejjel huma mħeġġa jibagħtu rappreżentanti tal-iskola tagħhom billi jiktbu lis-Sa Doreen Coleiro fl-indirizz elettroniku maria.dolores.coleiro@ilearn.edu.mt. Kull skola hija mitluba li tibgħat klassi waħda biss u jiġu aċċettati l-ewwel għaxar skejjel li japplikaw.

**2. Il-bijografija ta' Dun Karm biex tinqara l-Erbgħa, 18 ta' Ottubru 2017**

F'Jum Dun Karm, l-Erbgħa, 18 ta' Ottubru, l-iskola tiegħek jixraq li tfakkar lill-Poeta Nazzjonali waqt il-laqgħa ta' filgħodu billi tinqara l-bijografija tiegħu (ara *Hemża A* maċ-ċirkolari) u xi poeżiji (jistgħu jintgħażlu minn *Hemża B*).

**3. L-Innu ta' Filgħodu u riżorsi oħra fis-sit tal-Malti**

Fis-sit tal-Malti http://malti.skola.edu.mt hemm taqsima sħiħa fuq Dun Karm. Fiha hemm preżentazzjoni bil-*powerpoint* b'ritratti minn ħajtu. Dan jista' jintuża fil-klassijiet. Fis-sit hemm ukoll l-*Innu ta' Filgħodu* (*Reġa' sebaħ ja Mulejja ...*) ta' Dun Karm, b'mużika tas-Surmast Ġużeppi Caruana, għal min irid jużah fl-iskejjel u fil-klassijiet. Infakkrek li jekk l-iskola tiegħek torganizza xi attività f'ġieħ Dun Karm nieħdu gost jekk tgħaddilna xi ritratti u kitba qasira biex jittellgħu fis-sit tal-Malti.

**Gaetano Bugeja**
**Direttur,**
**Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**